

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-12 ta' Lulju 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rayonen sad Svilengrad – il-Bulgarija) – proċeduri kriminali kontra Daniela Pinzaru, Robert-Andrei Cirstinoiu

(Kawża C-707/17) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Kontroll ta' flus kontanti deħlin jew heġġin mill-Unjoni Ewropea — Regolament (KE) Nru 1889/2005 — Ksur tal-obbligu ta' dikjarazzjoni — Sanzjonijiet previsti mid-dritt nazzjonali — Miżura ta' konfiska favur l-Istat tas-somma mhux iddikjarata — Sanzjoni ta' priġunerija — Multa li tikkorrispondi għad-doppju tal-ammont tas-suġġett tal-ksur — Proporzjonalità)

(2018/C 341/02)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Rayonen sad Svilengrad

Partijiet fil-proċeduri kriminali prinċipali

Daniela Pinzaru, Robert-Andrei Cirstinoiu

Dispożittiv

L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew heġġin mill-Komunità, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, sabiex tissanzjona ksur tal-obbligu ta' dikjarazzjoni previsti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, tipprevedi, minn naħa, miżura ta' konfiska favur l-Istat tas-somma mhux iddikjarata u, min-naħa l-oħra, sanzjoni ta' priġunerija b'massimu ta' sitt snin jew multa li tikkorrispondi għad-doppju tal-ammont tas-suġġett tal-ksur.

⁽¹⁾ ĠU C 94, 12.3.2018.